**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju, 2002

**Numru 37**

**Avviz. numru 777/02JR**

**Bank of Valletta**

**vs**

**Anthony u Rita mizzewgin Dalli**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-3 t'April, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf erba' mija sitta u hamsin lira Maltija (Lm1456.00), u fejn intqal:**

**Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-konvenuti fis-somma ndikata fl-avviz import ta' sitta u ghoxrin (26) kambjala migbuda mis-socjeta` Paola Motors Limited gja Daewoo (Malta) Limited gja Universal Commerce Agency Company Limited u ggirati u fil-pussess tas-socjeta` mittenti liema kambjali**

**huma skaduti u mhux imhallsa fit-2 ta' Frar, 2000, 2 ta' Marzu, 2000, 2 t'April, 2000, 2 ta' Mejju, 2000, 2 ta' Gunju, 2000, 2 ta' Lulju, 2000, 2 t'Awissu, 2000, 2 ta' Settembru, 2000, 2 t'Ottubru, 2000, 2 ta' Novembru, 2000, 2 ta' Dicembru, 2000, 2 ta' Jannar, 2001, 2 ta' Frar, 2001, 2 ta' Marzu, 2001, 2 t'April, 2001, 2 ta' Mejju, 2001, 2 ta' Gunju, 2001, 2 ta' Lulju, 2001, 2 t'Awissu, 2001, 2 ta' Settembru, 2001, 2 t'Ottubru, 2001, 2 ta' Novembru, 2001, 2 ta' Dicembru, 2001, 2 ta' Jannar, 2002, 2 ta' Frar, 2002 u 2 ta' Marzu, 2002 rispettivament, (Dok.A1 sa A26) flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjali sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 6 ta' Frar, 2001 (Dok.B) u tal-mandati ta' Qbid u ta' Sekwestru prezentati kontestwalment ma' l-avviz;**

**Illi nterpellati sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, il-konvenuti baqghu nadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din it-talba;**

**Illi s-socjeta` attrici qed tipprezenta wkoll affidavit skond il-Ligi anness u mmarkat Dok.C.**

**Ra l-affidavit tal-Prokuratur Legali Joseph Zammit.**

**Ra n-nota t'ammissjoni prezentata mill-konvenut fid-9 ta' Mejju, 2002.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal fuq ammissjoni jilqa' t-talba atttrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta' elf erba' mija sitta u hamsin lira Maltija (Lm1456.00) bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjali sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 6 ta' Frar, 2001, u tal-mandati ta' Qbid u ta' Sekwestru prezentati kontestwalment ma' l-avviz ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**